IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

1952 - 2022

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 214/22

**il-Lussemburgu, 22 ta' Diċembru 2022**

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-237/21 | Generalstaatsanwaltschaft München (talba għal estradizzjoni lejn il-Bosnja-Ħerzegovina)

## L-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni lejn Stat terz sabiex jiskonta piena hemmhekk tista' tkun iġġustifikata sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' impunità

*Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta, skont id-dritt internazzjonali, l-Istat Membru rikjest ikun marbut li jestradixxi l-persuna kkonċernata u l-Istat terz li jkun talab l-estradizzjoni ma jagħtix il-kunsens għall-eżekuzzjoni tal-piena fit-territorju tal-Istat Membru rikjest.*

Il-Bosnja-Ħerzegovina talbet lill-Ġermanja, sabiex tiġi eżegwita piena ta' priġunerija, li testradixxi ċittadin tal-Bosnja-Ħerzegovina li għandu wkoll n-nazzjonalità Kroata, li jfisser li huwa ċittadin tal-Unjoni.

Skont il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München (il-Ġermanja), il-Ġermanja hija bħala prinċipju obbligata li testradixxi l-persuna kkonċernata minħabba l-impenji meħuda fil-konfront tal-Bosnja-Ħerzegovina fil-qafas tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni.

Madankollu, din il-qorti staqsiet jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-estradizzjoni, u dan fid-dawl tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni ta' moviment u residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri iżda wkoll tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità. Fil-fatt, il-Liġi Bażika Ġermaniża tipprojbixxi l-estradizzjoni ta' Ġermaniżi lejn Stat terz. F'tali ċirkustanzi, id-dritt tal-Unjoni ma jippermettix differenza fit-trattament bejn il-Ġermaniżi u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu b'mod permanenti, bħall-persuna kkonċernata, fit-territorju nazzjonali, fis-sens li dawn l-aħħar ċittadini ma jibbenefikawx minn din il-projbizzjoni. sakemm din id-differenza ma tkunx ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u ma tkunx proporzjonata għall-għan leġittimament imfittex mid-dritt nazzjonali.

Peress li kellha dubji dwar l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja meta jkun hemm obbligu ta' estradizzjoni skont id-dritt internazzjonali, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' München staqsiet fuq dan lill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija osservat li l-awtoritajiet Ġermaniżi infurmaw lill-awtoritajiet Kroati bit-talba għal estradizzjoni, mingħajr ebda reazzjoni min-naħa tagħhom. Madankollu, skont id-dritt Ġermaniż, **il-persuna kkonċernata tista' tiskonta l-piena tagħha fil-Ġermanja jekk il-Bosnja-Ħerzegovina tagħti l-kunsens tagħha.**

Bis-sentenza tal-lum, il-Qorti tirrispondi li, f'din is-sitwazzjoni, l-Istat Membru rikjest (**il-Ġermanja**) **għandu jfittex attivament dan il-kunsens, sabiex il-piena tiġi skontata fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, sabiex b'hekk jiġi evitat ir-riskju ta' impunità filwaqt li tittieħed miżura fir-rigward taċ-ċittadin ikkonċernat li tkun inqas ta' preġudizzju għal-libertà tal-moviment tiegħu mill-estradizzjoni tiegħu lejn Stat terz.**

**Madankollu, jekk dan il-kunsens ma jinkisibx, id-dritt tal-Unjoni** (f'dan il-każ, id-dritt ta' moviment u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, kif ukoll il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, li għandhom iċ-ċittadini tal-Unjoni) **ma jipprekludix li l-Istat Membru rikjest (il-Ġermanja) jestradixxi ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat, skont konvenzjoni internazzjonali**. **Inkella, ikun hemm riskju li l-persuna kkonċernata tibqa' impunita.**

**Madankollu, huwa importanti li jitfakkar li l-estradizzjoni tibqa' eskluża, skont il-Karta tad-Drittijiet**

**Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, meta jkun hemm riskju serju li l-persuna kkonċernata tkun suġġetta, fl-Istat terz ikkonċernat, għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattament inumani jew degradanti oħra.**

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ u s-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆(+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!